MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2014

Numru 7/2012

**Att ta' Akkuza numru 7/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**versus**

**Henry Grogan,**

**Neville Mamo,**

**Luke Muscat u**

**Alan Muscat**

**Illum 4 ta' Gunju 2014**

Il-Qorti,

Rat l-att t' Akkuza numru seba' (7) tas-sena elfjen u tnax (2012) kontra l-akkuzati Henry Grogan [detentur tal-karta tal-identita` numru 328884(M)], Neville Mamo [detentur tal-karta tal-identita` numru 402892M], Luke Muscat [detentur tal-karta tal-identita` numru 530689M] u Alan Muscat [detentur tal-karta tal-identita` numru 146186(M)] li bih huma gew akkuzati talli:

Wara illi l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap tal-Att t' Akkuza ppremetta:

Illi fl-ghaxar (10) jum ta` Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fil-granet ta` qabel din id-data Henry Grogan, Luke Muscat, Neville Mamo u Alan Muscat iddecidew xjentement u illegalment li jassocjaw ruhhom ma persuna jew persuni ohra f`Malta sabiex ammont sostanzjali ta` droga raza tal-cannabis tigi ttraffikata u mibjugha fil-Gzejjer Maltin.

Illi ghal dan il-ghan kriminuz, fit- 8 ta` Frar 2010 u d- 9 ta` Frar 2010 l-akkuzat Henry Grogan ftiehem, ippjana u assocja ruhu ma` certu Anthony Calleja sabiex l-istess Anthony Calleja jixtri ammont ta` droga raza tal-cannabis (ghoxrin sapuna) ghall-prezz ta` tlettax-il elf u hames mitt ewro (€13,500). Henry Grogan kellem lil Neville Mamo dwar din il-bicca xoghol illecita u ippjanaw kif din id-droga kienet ser tigi pprokurata u kemm kienu ser jithallsu taghha. L-akkuzat Neville Mamo minn naha tieghu ftiehem ma` Luke Muscat sabiex l-istess Luke Muscat jipprokura l-ghoxrin sapuna droga raza tal-cannabis mertu ta` dan id-*deal* ta` droga. Ta` din l-attivita` illecita, Luke Muscat kien ser jithallas hames mitt ewro (€500). Henry Grogan, Neville Mamo u Luke Muscat ftehmu li dan it-traffikar ta` droga kellu jigi fis-sehh fl-10 ta` Frar 2010 fil-garaxx ta` Anthony Calleja li jinsab fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara.

Illi fil-fatt fl-10 ta` Frar 2010 Luke Muscat irnexxielu jakkwista ammont ta` droga raza tal-cannabis minghand terza persuna u ikkonvinca lil huh Alan Muscat sabiex

jidhol f`dan ic-cirku ta` traffikar ta` droga. Ir-rwol ta` Alan Muscat f`dan id-*deal* kien li jgorr il- basket kontenenti d-droga minn Tas-Swatar sa Birkirkara u ta` din il-bicca xoghol illegali Alan Muscat thallas mitt ewro (€100) minghand huh Luke Muscat. F`din l-istess gurnata Alan Muscat, bi ftehim ma huh Luke Muscat, saq il-vettura Volkswagen bin-numru ta` registrazzjoni BEN-016 u li fiha kien hemm il-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis u mar fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara. Malli Alan Muscat wasal hemm, Luke Muscat mar jigbor il-basket bid-droga u dahal fil-garaxx ta` Anthony Calleja fejn effettivament kellu jigi fis-sehh dan it-traffikar ta` droga.

Illi madanakollu l-Pulizija kienu jafu b`din l-attivita illegali u kienu qeghdin jaraw u josservaw dak kollu li kien qieghed jigri f` dawk l-inhawi u fil-fatt dahlu fil-garaxx u hemm sabu lill-akkuzati Henry Grogan, Luke Muscat u Neville Mamo fil-pussess xjenti tal-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis. F`dan il-basket kien hemm dsatax–il sapuna f`ammont totali ta` 4736 grammi raza mehuda mil-pjanta cannabis bil-purita` ta` 7.2% u valur ta` circa €30,358.

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b`ghemilhom, l-imsemmija akkuzati saru hatja talli assocjaw ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jitraffikaw d-droga (cannabis)f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill- imsemmija Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex ibieghu jew jitraffikaw d-droga f'Malta (cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzati u illi jigu kkundannati ghal piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,8, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d),

22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Wara illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap tal-Att t' Akkuza ppremetta:

Illi fl-istess zmien u cirkostanzi kif indikati fl-ewwel Kap ta` dan l-Att t`Akkuza u cioe` fl- 10 ta` Frar 2010 u fil-jiem ta` qabel, l-imsemmija Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat iddecidew xjentement u illegalment li jibdew imexxu, jittraffikaw u jfornu d-droga raza tal-cannabis lil terzi fil-Gzejjer Maltin.

Illi l-akkuzat Henry Grogan avvicina u informa lil certu Anthony Calleja li kien lest jaghmel l-arrangamenti kollha necessarji sabiex ibieghlu ammont sostanzjali ta` droga raza mehuda mil-pjanta cannabis ghal prezz ta` €13,500 euro. Anthony Calleja accetta li jixtri ammont ta` droga raza tal-cannabis (ghoxrin sapuna) sabiex din tigi eventwalment mibjugha u traffikata f`Malta ghal-skopijiet ta` lukru ghad-dannu tas-socjeta Maltija. Henry Grogan kellem lil Neville Mamo dwar din il-bicca xoghol illecita u ippjanaw kif din id-droga kienet ser tigi ipprokurata u kemm kienu ser jithallsu taghha. L-akkuzat Neville Mamo minn naha tieghu ftiehem ma` Luke Muscat sabiex l-istess Luke Muscat jipprokura l-ghoxrin sapuna droga raza tal-cannabis mertu ta` dan id-*deal* ta` droga. Ta` din l-attivita` illecita, Luke Muscat kien ser jithallas hames mitt ewro (€500). Henry Grogan, Neville Mamo u Luke Muscat ftehmu li dan it-traffikar ta` droga kellu jigi fis-sehh fl-10 ta` Frar 2010 fil-garaxx ta` Anthony Calleja li jinsab fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara.

Illi fil-fatt fl-10 ta` Frar 2010 Luke Muscat irnexxielu jakkwista ammont konsiderevoli ta` droga raza tal-cannabis minghand terza persuna u ikkonvinca lil huh Alan Muscat sabiex jidhol f`dan ic-cirku ta` traffikar ta` droga. Ir-rwol ta` Alan Muscat f`dan it-traffikar kien li jgorr il- basket kontenenti d-droga minn Tas-Swatar sa Birkirkara u ta` din il-bicca xoghol illegali Alan Muscat thallas mitt ewro (€100) minghand huh Luke Muscat. F`din l-istess gurnata Alan Muscat, bi ftehim ma huh Luke Muscat, saq il-vettura Volkswagen bin-numru ta` registrazzjoni BEN-016 u li fiha kien hemm il-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis u mar fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara. Malli Alan Muscat wasal hemm, Luke Muscat mar jigbor il-basket bid-droga u dahal fil-garaxx ta` Anthony Calleja fejn effettivament kellu jigi fis-sehh dan it-traffikar ta` droga.

Illi madanakollu l-Pulizija kienu jafu b`din l-attivita illegali u kienu qeghdin josservaw dak kollu li kien qieghed jigri f` dawk l-inhawi u fil-fatt dahlu fil-garaxx u hemm sabu lill-akkuzati Henry Grogan, Luke Muscat u Neville Mamo fil-pussess xjenti tal-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis. F`dan il-basket kien hemm dsatax–il sapuna f`ammont totali ta` 4736 grammi raza mehuda mil-pjanta cannabis bil-purita` ta` 7.2% u valur ta` circa €30,358.

Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat b`hekk involvew ruhhom f`dan it-traffikar ta` droga raza tal-cannabis u fl-ghoti ta` informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri u distribuzzjoni tad-droga raza tal-cannabis f`Malta u ghamlu l-arrangementi kollha necessarji sabiex dan it-traffikar ta` droga jigi fis-sehh.

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b’ghemilhom, l-imsemmija Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat saru hatja talli ipprokuraw, bieghu jew xort’ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f’xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellhom licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lil Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat hatja talli ipprokuraw, bieghu jew xort’ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f’xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellhom licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kienu fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-

esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jigu kkundanati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,8, 10(1), 12, 22(1)(a)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzati.

Wara illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap tal-Att t' Akkuza ppremetta:

Illi fl-istess zmien u cirkostanzi kif indikati fl-ewwel Kap ta` dan l-Att t`Akkuza u cioe` fl- 10 ta` Frar 2010 u fil-jiem ta` qabel, l-imsemmija Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat ftehmu sabiex xjentement u illegalment imexxu, jittraffikaw u jfornu d-droga raza tal-cannabis lil terzi fil-Gzejjer Maltin.

Illi in ezekuzzjoni ta` din l-assocjazzjoni ta` bejniethom fl-10 ta` Frar 2010 Luke Muscat irnexxielu jakkwista u jigi xjentement fil-pussess ta` ammont konsiderevoli ta` droga raza tal-cannabis minghand terza persuna u ikkonvinca lil huh Alan Muscat sabiex jidhol f`dan ic-cirku ta` traffikar ta` droga. Dakinhar Luke Muscat pogga l-basket kontenenti l-ammont ta` droga cannabis fil-vettura Volkswagen numru ta` registrazzjoni BEN 016 li kien qed isuq l-akkuzat Alan Muscat. F`din l-istess gurnata Alan Muscat saq il-vettura Volkswagen bin-numru ta` registrazzjoni BEN-016 u li fiha kien hemm il-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis u mar fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara. Dak il-hin Alan Muscat kien ghalhekk fil-pussess xjenti ta` ammont ta` raza tal-cannabis mertu ta` dan id-*deal* ta` droga liema ammont juri li ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu. Malli Alan Muscat wasal Birkirkara, Luke Muscat mar jigbor il-basket bid-droga u dahal fil-garaxx ta` Anthony Calleja fejn effettivament kellu jigi fis-sehh dan it-traffikar ta` droga.

Illi madanakollu l-Pulizija kienu jafu b`din l-attivita illegali u kienu qeghdin josservaw dak kollu li kien qieghed jigri f` dawk l-inhawi u fil-fatt dahlu fil-garaxx u hemm sabu lill-akkuzati Henry Grogan, Luke Muscat u Neville Mamo fil-pussess xjenti tal-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis. F`dan il-basket kien hemm dsatax–il sapuna f`ammont totali ta` 4736 grammi raza mehuda mil-pjanta cannabis bil-purita` ta` 7.2% u valur ta` circa €30,358 liema ammont juri illi d-droga ma kienitx għall-użu esklussiv taghhom.

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi jakkuza lill-imsemmija Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat talli kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli

ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jigu kkundanati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,8, 10(1), 12, 22(1)(a)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzati.

Wara illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap tal-Att t' Akkuzappremetta:

Illi fl-ghaxar (10) jum mix-xahar ta` Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u matul is-sentejn ta` qabel din id-data l-akkuzat Neville Mamo kien fil- pussess xjenti u illegali tad-droga cannabis kif stqarr huwa stess lill-Pulizija meta gie interrogat in konnessjoni mas-sejba ta` droga kif deskritt precedentement f`dan l-att t`akkuza. Illi dak il-pussess tad–droga cannabis kien mezz u stadju wiehed sabiex Neville Mamo ikun jista jabbuza mill-istess droga cannabis.

Illi d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Neville Mamo sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess taghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Neville Mamo hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis li ghaliha tapplika it-

Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn minn erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara illi l-Avukat Generali fil-Hames Kap tal-Att t' Akkuza ppremetta:

Illi fl-ghaxar (10) jum mix-xahar ta` Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u matul is-sena ta` qabel din id-data l-akkuzat Henry Grogan kien fil- pussess xjenti u illegali tad-droga cannabis kif stqarr huwa stess lill-Pulizija meta gie interrogat in konnessjoni mas-sejba ta` droga cannabis kif deskritt precedentement f`dan l-att t`akkuza. Illi dak il-pussess tad–droga cannabis kien mezz u stadju wiehed sabiex Henry Grogan ikun jista jabbuza mill-istess droga cannabis. Fl-10 ta` Frar 2010 l-Pulizija ghamlet ukoll tfittxija fil-vettura Seat Ibiza HAU 762 ta` Henry Grogan u go fiha sabu xi bicciet ta` raza tal-cannabis. Henry Grogan kien xjentement fil-pussess ta` din id-droga cannabis.

Illi d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Henry Grogan sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess taghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Henry Grogan hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn minn erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara illi l-Avukat Generali fis-Sitt Kap tal-Att t' Akkuza ppremetta:

Illi fl-ghaxar (10) jum mix-xahar ta` Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u matul is-sena ta` qabel din id-data l-akkuzat kien fil- pussess xjenti u illegali tad-droga herojina kif stqarr huwa stess lill-Pulizija meta gie interrogat in konnessjoni mas-sejba ta` droga cannabis kif deskritt precedentement f`dan l-att t`akkuza. Illi dak il-pussess tad-droga herojina kien mezz u stadju wiehed sabiex Henry Grogan ikun jista jabbuza mill-istess droga herojina.

Illi d-droga herojina hija medicina perikoluza specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Henry Grogan sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess taghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Henry Grogan hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn minn erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat illi l-akkuzati Henry Grogan, Neville Mamo u Alan Muscat ma pprezentawx noti tal-eccezzjonijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat Luke Muscat prezentati fid-disgha (9) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) fejn eccepixxa illi:

a) Illi l-atti huma monki u nulli stante li l-Magistrat Inkwirenti ma iffirmatx u ma nizjalatx l-inkartament kollu tal-process u dan huwa rikjest mill-ligi ad validatem;
b) Illi ghandha tigi sfilzata milli-atti d-depozizzjoni moghtija mill-ispizjar Mario Mifsud u x-xjentist Godwin Sammut u r-relazzjoni peritali tal-istess stante li dawn huma inammissibli u dan peress li l-Magistrat Inkwirenti ma tathom l-ebda inkarigu specifiku u kull espert li jigi nominat ai termini tal-artikolu 650 tal-Kap 9 ghandu jigi nfurmat bl-inkarigu tieghu stante li tali nomina tkun saret minhaba s-sengha jew teknika specjali ta' dak li jkun. Mill-provi prodotti ma jirrizultax x'kienet in-nomina ta' tali espert peress li d-digriet ma jinsabx inserit fl-atti.
c) Illi r-relazjoni tal-espert Tekniku Martin Bajada ghandha tigi sfilzata peress illi tali xhud m'ghandux dik is-sena specjali u teknika fil-qasam tat-teknologija u

ghalhekk in-nomina tieghu ma saritx skond id-disposizzjoni tal-artikolu 650 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre jinghad li dan l-espert ikkonkluda ir-relazzjoni tieghu fuq dak li qalulu diversi xhieda impjegati tal-Vodafone, Melita u l-Go Mobile u d-dokumentazzjoni rilaxxjata minnhom u mibghuta lilu qatt ma giet ikkonfermata minnhom. In oltre jidher li dan l-espert tal-gurament lil xi xhieda kif del resto jirrizulta mill-atti fosthom ix-xhud Demaris Agius (fol.380) meta d-digreit tan-nomina tieghu qatt ma awtorizzah li jaghmel hekk. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza moghija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ludwig Micallef deciza fl-1 ta' Marzu, 2012. Kien biss fid-digriet taghha tat-3 ta' Marzu, 2011 fejn il-Magistrat Inkwirenti estendiet l-inkarigu ta' dan l-espert huwa gie moghti l-fakolta li jisma' xhieda bil-gurament u li jircievi dokumentazzjoni mis-service providers bil-gurament. Ghalhekk kwalisasi rapport li gie esebit minnu qabel dan id-digriet ma sarx skond il-ligi.

d) Jinghad li fil-kap tal-akkuza li hemm fil-kontront ta' Luke Muscat ma hemmx kap dwar ir-recidiva u ghalhekk ma giex akkuzat biha pero f'kaz li jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti li ghandu jigi akkuza b'din l-akkuza ai fini tal-akkuza ta' recidiva fil-konfornt ta' Luke Muscat jinghad li s-sentenza li giet esebita a fol 545 ma gietx konfermata fil-konfront tieghu seduta stant u huwa ma ezentax lil prosekuzzjoni minn tali prova u dan minkejja li gie hekk mitlub mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu tad-19 ta' Ottubru, 2011.

e) L-inammissibilita' tar-relazzjoni ta' Dr. Vincent Galea in kwantu jikkostitwixxi hearsay evidence u d-dokumentazzjoni li giet mibghuta lilu minnu minn terzi persuni ma gietx konfermata minn dawn l-istess persuni u ghalhekk ma gietx esebita skond il-ligi u ma tikkostitwix stat fil-konfront tal-imputat u ghalhekk ghandha tigi sfilzata;

f) Illi d-dokument tax-xhieda ta' Martha Scicluna kif ukoll ix-xhieda li tat fil-process verbalk redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke kif ukoll ix-xhieda guramentata moghtija minn Anthony Calleja li ta fil-process verbal redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke ma humiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali nostrana, galadarba ma jirrizultax li l-istess Martha Scicluna u Anthony Calleja ma nghatawx il-fakolta' li jikkonsultaw ma' Avukat tal-ghazla taghhom qabel ir-rilaxx ta' tali stqarrija. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi.

g) Illi dak kollu li l-imputat Luke Muscat setgha qal lil xi membru tal-korp tal-pulizija waqt l-investigazzjoni qabel ma inghata l-fakolta li iqabbad avukat tax-xelta tieghu ma jikkostitwix prova u ghandu jigi skartat in vista ta' dak li gie deciz kemm mill-Qrati nostrana fis-sentenza tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem;

h) Illi l-kapi tal-akkuza numru wiehed, tenjn u tlieta jittrataw id-droga cannabis. Jinghad li dan l-ezercizju maghmul mill-Avukat Generali fejn qieghed jakkuza lill-esponenti tlett darbiet b'delitt tal-istess generu fuq l-istess droga huwa ezercizzju kontra l-ligi, fejn l-Avukat Generali qieghed jitlob sejbien ta' htija ta' l-esponenti tlett darbiet fuq l-istess sustanza. Tkompli titkabbar din l-ipotezi tal-

ligi gialadarba l-cannabis hija sustanza regolata mill-istess ligi u cioe mit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghaldaqstant li qieghed jaghmel l-Avukat Generali sabiex ikompli jkabar lill-esponenti mill-bidu nett, sabiex f'ghajn il-gurati popolari l-espoennet jidher li huwa xi baruni tad-droga, minflok ghogbu li jakkuza lill-esponenti b'kap wiehed li jolqot id-droga cannabis, ghogbu jakkuza lill-esponenti b'kapi differenti bl-istess delitti! Ghaldaqstant fid-dawl tal-principji tal-Kodici Kriminali fejn il-Qorti sahansitra ghandha l-porter li tordna li aktar minn att ta' akkuza wiehed ikun maqghuda, l-esponenti jiddikjara li f'kaz odjern minflok tlett kapi kellu jingieb kotnra tieghu kap wiehed li jolqot il-ksur kollu tal-istess ligi u mhux li jingiebu kontra tieghu 3 kapi, sabiex b'hekk f'kaz ta' sejbien ta' htija l-Avukat Generali jkun jista' jitlob li l-komputazzjoni tal-piena ssehh a tenur tal-artikolu 17(a) u 17(b) tal-Kodici Kriminali. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

i) Salv kull eccezzjoni ulterjuri ohra premess mill-ligi.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll tal-avukat prosekutur;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel eccezzjoni intestata "A", l-akkuzat qed jeccepixxi illi l-atti huma monki u nulli peress illi l-Magistrat inkwirenti ma iffirmax l-inkartament kollu tal-process u li dan huwa rikjest mil-ligi "ad validitatem". Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 549(1) tal-Kodici Kriminali illi jghid illi l-proces verbal ghandu jkun iffirmat mill-Magistrat jew minn ufficcjal li jkun ghamel l-access. Veru illi jista' jkun illi hemm xi pagni illi ma gewx inizjalati mill-Magistrat, però b'daqshekk ma jfissirx illi l-atti kollha huma nulli la l-proces verbal huwa debitament iffirmat u registrat minnu. Il-firma tal-Magistrat fuq il-pagni hija intiza sabiex tassikura l-awtenticità ta' dik il-pagna jew att partikolari. Billi l-Magistrat jaqbez xi pagna ma jfissirx illi b'daqshekk l-atti kollha huma nulli. L-assikurazzjoni tal-awtenticità tad-dokument xorta qieghda hemmhekk bil-pagni l-ohra li jsegwu debitament iffirmati mill-Magistrat. L-importanti però li l-proces verbal ikun iffirmat minnu kif fil-fatt hu f'dan il-kaz.

Kwindi l-Qorti tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat.

It-tieni eccezzjoni intestata "B", l-akkuzat qiegħed jitlob l-isfilz tad-depozizzjoni mogħtija mill-Ispizjar Mario Mifsud u x-xjentist Godwin Sammut u r-relazzjoni peritali tagħhom peress illi d-digriet ma jinstabx inserit fl-atti.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tirrileva illi meta Magistrat jigi infurmat b'reat, jinnomina l-esperti minnufih mingħajr ma joqgħod jistenna jircievi r-rapport formali mingħand l-ispettur. L-ispettur imbagħad jinforma lill-esperti nominati bl-inkarigu tagħhom sabiex jissoktaw bis-smigħ tax-xhieda, jekk ikun il-kaz. L-esperti Mario Mifsud u Godwin Sammut huma ben magħrufa f'dawn il-Qrati u jigu ta' spiss nominati f'inkjesta illi tinvolvi xi natura teknika fil-kompetenza tagħhom. Il-ħila tagħhom hija tant magħrufa illi l-Qorti m'għandhiex għalfejn izzid aktar fin-nomina mogħtija peress illi din hija intrinsika illi tinkludi ukoll is-smigħ tax-xhieda. Ma hemmx dubbju illi la l-esperti ipprezentaw ir-relazzjoni tagħhom dawn gew formalment infurmati bil-kariga tagħhom għax altrimenti ma kienu se jagħmlu xejn.

Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda fondament għal din l-eccezzjoni u konsegwentement tichadha.

It-tielet eccezzjoni intestata "C" tirreferi għar-relazzjoni tal-espert tekniku Martin Bajada peress illi tali xhud m'għandux is-sengħa specjali u teknika fil-qasam tat-teknologija. Oltre x-xhieda illi sema' cioé l-impjegati tal-Vodafone, Melta u Go Mobile, id-dokumentazzjoni ipprezentata minnhom qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament.

Il-Qorti tirrileva illi dana mhuwiex il-kaz. Jibda biex jinghad illi ukoll Dr Martin Bajada huwa maghruf fil-Qorti ghall-hila teknika tieghu fil-qasam tal-informazzjoni teknologika. Mill-istess relazzjoni tieghu jirrizulta illi huwa gie moghti l-fakultà illi jisma' x-xhieda bil-gurament u hemm sema' lir-rapprezentanti tal-Go, tal-Melita, ukoll tal-Vodafone, li kollha ikkonfermaw quddiemu d-dokumentazzjoni illi kienu qieghdin jipprezentaw. L-estensjoni tal-Magistrat inkwirenti bid-digriet taghha tat-tlieta (3) ta' Marzu tal-elfejn u hdax (2011) ma jfissirx illi qabel dik id-data, it-tekniku Dr. Martin Bajada ma kienx awtorizzat jisma' x-xhieda bil-gurament. U bhalma nghad dwar l-eccezzjoni ta' qabel, persuna teknika komunament nominata minn dawn il-qrati u ben maghrufa minnha huma prezunti illi jkollhom il-fakultà illi jisimghu x-xhieda bil-gurament. Filwaqt li jkun desiderabbli illi fid-digriet ikun specifikat din il-fakultà, ma jfissirx illi t-tekniku ma jkunx jista' jiehu xhieda jew jircievi dokumenti bil-gurament.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi r-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada ghandha r-rekwiziti kollha necessarji skont il-ligi u din il-Qorti ma thossx illi ghandha taghmel xi forma ta' censura fuq tali relazzjoni. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Rigward l-eccezzjoni intestata "D" il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha peress illi l-addebitu tar-ricediva mhuwiex moghti lill-akkuzat Luke Muscat.

L-eccezzjoni intestata "E" tirrigwarda l-inammissibiltà tar-relazzjoni ta' Dr. Vincent Galea peress illi hafna mid-dokumentazzjoni illi ghandu giet moghtija minn terzi persuni minghajr ma gew moghtija l-gurament. Il-Qorti tirrileva illi r-relazzjoni ta' Dr Vincent Galea hi debitament guramentata. Izda fil-kaz li d-Difiza trid taccerta ruhha mill-genwinità tad-dokumenti hemm esebiti jkollha d-dritt illi ssejjah lill-produtturi tad-dokument inkwistjoni sabiex jikkonferma dak id-dokument bil-gurament. Dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tad-Difiza illi tikkontroezami lil Dr. Vincent Galea

dwar il-provenjenza tad-dokumenti esebiti fir-relazzjoni tieghu. B'hekk il-Qorti qieghda tiddisponi mill-eccezzjoni immarkata "E".

L-eccezzjoni immarkata "F" tirrigwarda n-nullita tax-xhieda ta' Martha Scicluna u Anthony Calleja li nghatat bil-gurament fil-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, peress illi dawn iz-zewg xhieda ma nghatawx il-fakultà illi jikkonsultaw ma' avukat qabel ma rrilaxxaw tali stqarrija.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi jekk xi hadd ghandu xi lanjanza fuq din ix-xhieda huma l-istess Martha Scicluna u Anthony Calleja illi ghandhom jaghmlu oggezzjoni u mhux l-akkuzat. Biss, il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Ottubru 2012, Andrew Forace kontra L-Onorevoli Prim Ministru, fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet, "Illi jekk wiehed ihaddem l-imsemmija principju ghall-kaz li l-Qorti ghandha quddiemha, wiehed jara li l-fatt wahdu l-istqarrija maghmula minn persuna fi zmien qabel ma jkun beda l-process (ghalhekk dan jghodd fih ukoll l-istadju tal-inkjesta) tithalla tghodd bhala prova ma jiksirx id-drittijiet u dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Mela, fil-fehma tal-Qorti lanqas u anqas jinkisru d-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni fejn dik l-istqarrija tkun hadet is-sura ta' xhieda mahlufa mehuda quddiem Qorti bl-ghoti tal-garanziji u twissijiet li dik ix-xhieda kienet hielsa u mhux maghmula kontra r-rieda tal-persuna jew bi twebbil jew xi vantagg jew favur. Fuq kollox, izjed jitbieghed il-biza' ta' ksur tal-Konvenzjoni fejn il-parti akkuzata jkollha l-opportunità waqt is-smigh tal-kawza li tressaq lil dak ix-xhud jew b'xhud taghha jew in kontro ezami. Dawn ic-cirkostanzi huma kollha disponibbli lir-rikorrent fil-kaz tal-lum."

Ghalhekk in vista ta' dak li ntqal, din ix-xhieda ma tiksirx il-jedd tal-istess akkuzat ghal smigh xieraq taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. B'hekk il-Qorti qieghda tiddisponi mill-eccezzjoni immarkata "F".

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni immarkata "G", l-akkuzat qieghed jilmenta minn xi dikjarazzjonijiet illi huwa seta' ghamel qabel ma nghata l-fakultà illi jqabbad avukat tal-ghazla tieghu, liema dikjarazzjonijiet m'ghandhomx jikkostitwixxu prova fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza 'Repubblika ta' Malta kontra Alfred Camilleri' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 fejn il-Qorti ukoll trattat il-kwistjoni ta' dikjarazzjonijiet maghmula minn akkuzat qabel ma rrilaxxa l-istqarrija. F'paragrafu 22 il-Qorti qalet, "Fil-mertu l-Qorti tosserva li f'dan il-kaz ma rrizultax li, meta Alfred Camilleri kien qieghed jirrispondi ghad-domandi illi kienu sarulu mill-ispettur fid-dar ta' ommu, huwa kien gie mgieghel, la moralment u wisq anqas fizikament iwiegeb ghal dawn il-mistoqsijiet. Lanqas jirrizulta li dak il-hin huwa kien effett minn xi vulnerabiltà partikolari li kienet tinnecessita l-assistenza ta' avukat bhala garanzija li ma jsirux xi abbuzi fir-rigward".

Ghalhekk hija kwistjoni ta' fatt li jrid jigi determinat waqt is-smigh tal-guri jekk l-akkuzat kienx imgieghel moralment jew fizikament iwiegeb ghall-mistoqsijiet maghmulin lilu u kemm seta' jitqies bhala persuna vulnerabbli illi jkun facilment impressjonat mill-fatt illi jkun qieghed jigi mistoqsi d-domandi mill-pulizija.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi illi tichad din l-eccezzjoni bil-kawteli fuq maghmula.

L-eccezzjoni intestata "H" giet irtirata permezz tal-verbal tat-tnax (12) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) u kwindi din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

B'hekk il-Qorti qieghda tiddisponi mill-eccezzjonijiet kollha tal-akkuzat Luke Muscat u salv appell minn dan il-gudikat, tiddiferixxi l-kawza sine die sabiex tistenna t-turn taghha tinstema' bhala guri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------